MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 609/2007

**Carmel Grima (lD 0572546M), Emanuel Grima (lD 0057541 M), Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi (lD 0182636M), Joan Cassar (lD 0748850M) f isimha propju u bhala prokuratrici ta' huha Edward Grima residenti New South Wales, Maria Dolores maghrufa bhala Dorothy Zammit (lD 0328948M), kif ukoll Anne Mary Camilleri (lD 0579763M), Julian Grima (lD 0569564M), Carmen Mangion (ID 0267368M) Ruth D'Antuono (ID 0076775M), Pierre Grima (ID 0118581M) u Graziella Grima (ID 0576882M) ulied il-mejjet Anthony Grima U b'digriet tas-6 ta'Jannar 2012 l-atti gew trasfuzi f'isem Jennifer Mifsud (ID 0344057M), Anne Marie Gauci (ID 0417201L) , Joesphine Georgina Grace Grech (ID 0416001L) Philip Azzopardi (ID 0498268M) u Grace Carmen Camilleri (ID 0077802L) stante l-mewt tal-attrici Georgina Azzopardi**

**Vs**

**Saviour Grima (ID 528452M) u martu Mary Grima (ID34449G)**

**u b'digriet tal-14 ta'Novembru 2007 Josephine Calleja giet kjamata fil-kawza in statu et termini**

**u b'digriet tas-6 t'Ottubru 2011 l-atti gew legittimati f'isem John Calleja, Charles Calleja, Mario Calleja, Catherine Cassar, Helen Calleja ilkoll ahwa ulied ta' Josephine Calleja stante l-mewt tal-istess Josephine Calleja u Jade Grixti u Jordann Calleja t-tnejn ulied il-mejjet Raymond Calleja li jigi iben l-imsemmija Josephine Calleja**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors ta'Carmel Grima et tal-1 ta' Gunju 2007 li bih talbu segwenti :

1. *"Illi fl-14 ta'Jannar miet Carmelo Grima missier il-kontendenti u kif jirrizulta mill-annessi certifikati markati Dokumenti* ***A1, A2 u A3*** *hu halla t- testmenti elenkati fic-Certifikat tat-Testmenti tar-Registru Pubbliku u ma halla ebda testment sigriet, kif jirrizulta mic-Certifikat mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja);*

2. *Illi skond l-Artikolu 4 tat-testment unica charta tal-25 ta' Frar 1970 fl-atti tan-Nutar Dr John Micallef Trigona il-mejtin Carmelo u Grazia Grima nnominaw bhala eredi universali taghhom fi kwoti ugwali bejniethom lil uliedhom kollha cioe Giuliano Grima, Josephine Calleja, Carmelo Grima, Emanuel Grima, Georgia maghrufa bhala Georgina Azzopardi, Joan Cassar, Edward Grima, Maria Dolores maghrufa bhala Dorothy Zammit, Anthony Grima, u Salvatore Grima, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari u bid-dritt ta' l-akkrexximent f'kaz ta' premorjenza. (***Dokument B***);*

3. *Illi Giuliano Grima gie nieqes qabel missieru u miet minghajr tfal u bla testment;*

4. *Illi Anthony Grima ukoll miet qabel missieru u wirtuh uliedu cioe l-atturi Anne Mary Camilleri, Julian Grima, Carmen Mangion Ruth D'Antuono, Pierre Grima u Graziella Grima;*

5. *Illi l-atturi kollha rrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom Carmelo Grima, pero zammew favur taghhom id-dritt ghall-legittima mill-istess eredita' cioe s- sehem riservat mil-ligi - Ara Dokumenti C1 sa C12;*

6. *Illi jirrizulta illi anke Josephine Calleja oht l-atturi irrinunzjat ghall-wirt ta' missierha u rriservat favur taghha s-sehem lilha riservat mill-ligi;*

7. *Illi sabiex jigi kkalkolat is-sehem riservat mil-ligi favur taghhom, l-atturi ghandhom interess li fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellu l-mejjet missierhom u dana partikolarment ghall-iskopijiet ta' l-Artikolu 620 tal- Kap 16: Kodici Civili tal-Ligijiet ta'Malta, dwar x'ghandu jigi inkluz fl-assi tal-mejjet;*

8. *Illi b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dr Alexander J. Sciberras Trigona, fid-29 t'April 2002, missier il-kontendenti Carmelo Grima (illum mejjet) ittrasferixxa lill-konvenuti n-nofs indiviz tal-garage bla numru, jismu 'Grima's Garage' f'Birkirkara Road, San Giljan, inkluz in-nofs indiviz tal-gnien ta' warajh, bil-prezz u bil-kundizzjonijiet indikati fl-istess kuntratt -**Dokument D**;*

9. *Illi dan it-trasferiment, apparentement b'titolu oneruz, kien in effetti qieghed jimmaskera donazzjoni u ghalhekk il-kawza espressa f'dak il-kuntratt kienet falza;*

10. *Illi fil-verita l-istess kuntratt, ghalkemm ghandu l-forma ta'trasferiment oneruz, fil-fatt huwa kuntratt ta' donazzjoni u jikkwalifika bhala kuntratt 'colorem habens, substantiam vero alteram';*

11. *Illi ghalkemm in-nofs indiviz ta' l-istess propjeti gie trasferit lill-konvenuti bil-prezz inidikat fl-att, ta' sebat elef lira Maltija (Lm7,000), il-valutazzjoni tal-propjeta' shiha f'April 2002 giet stmata mill-perit Godwin P. Abela inkarigat mill-atturi fis-somma ta' mija u hamsa u tletin elf lira Maltija (Lm135,000)- Dokument E - u illum l-istess fond jiswa ferm aktar;*

12. *Illi huwa wkoll dubbjuz kemm il-prezz indikat fl-att fil-fatt thallas lill-venditur;*

13. *Illi permezz ta' protest gudizzjarju (Dokument F) prezentat fil-registru ta' din l-Onorabbli Qorti fit-18 t'April 2007, l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex immedjatament jersqu ghall-kuntratt ta' korrezzjoni necessarju sabiex il-kuntratt tat-trasferiment ta' propjeti fuq riferita, li sar in atti tan-Nutar Dr Alexander J. Sciberras Trigona, fid-29 t'April 2002, ikun jirrifletti t-trasferiment reali ta'propjeta' li sar bejn Carmelo Grima u l-konvenuti, u cioe trasferiment b'donazzjoni ghall-kull fini u effetti tal-ligi. Illi, pero, il- konvenuti baqghu inadempjenti;*

***Premessi d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:***

***Jghidu l-istess konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:***

*(i)* *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi kuntratt tad-29 t' April 2002 pubblikat min-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona (Dokument D), li sar bejn Carmelo Grima (missier il-kontendenti) u l-konvenuti, huwa sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz, u li l- imsemmi kuntratt tad-29 t' April 2002 kien fir-realta` kuntratt ta' donazzjoni u mhux trasferiment b'titolu oneruz;*

*(ii)* *Konsegwentement tiddikjara li l-precitat kuntratt (Dokument D) huwa null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala kuntratt ta' donazzjoni.*

*(iii)* *Tordna illi, a spejjez tal-konvenuti, ssir il-korrezzjoni tal-precitat kuntratt tad-29 t' April 2002, in atti tan-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona, sabiex dan jigi jirrifletti b'mod reali t-trasferiment b'donazzjoni li sar minn Carmelo Grima (missier il-kontendenti) lill-konvenut, u cioe trasferiment b'donazzjoni ghal kull fini u effett tal-ligi bejn il-partijiet ghal dak il-kuntratt u tipprovdi ghal kull korrezjoni ohra mehtiega fil-kuntratt originali;*

*(iv)* *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-kuntratt ta' korrezzoni relativ u tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att pubbliku.*

*B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez, inkluzu dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 t'April 2007, kontra l-konvenuti minn issa ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda indikata fir-rikors promotur, u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi ir-rikors, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikata lill-intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Saviour Grima u martu Mary Grima tas-6 ta'Settembru 2007 (a fol.47 et seq) li taqra hekk :

1. *Illi l-ewwel sitt paragrafi tar-Rikors de quo huma fattwalment korretti;*

2. *Illi fil-meritu, fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, u dan peress illi del resto kif l-istess atturi jafu jew imisshom jafu ben tajjeb, l-kuntratt konkluz bejn il-konvenuti u d-defunt Carmelo Grima fid-29 ta' April 2002 fl-atti tan-Nutar Dr. Alexander Sceberras Trigona huwa validu fl-aspetti kollha legali u fattwali tieghu;*

3. *Illi fit-tieni lok jirrizulta illi dan l-istess kuntratt ta' bejgh huwa validu skond l-Artikolu 966 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta), u jirrifletti fedelment il-volontajiet u l-intenzjonijiet tal-parijiet konsensjenti u kapaci skond il-Ligi;*

4. *Illi l-azzjoni attrici hija motivata mill-intenzjonijiet mohbija tal- atturi biex jipprovaw icahhdu lill-konvenuti minn dak li legalment jappartjeni lilhom u li gie ghandhom ghal kull tenur u effett tal-Ligi u dan billi jinkludu fl-ambitu ta' dak minnhom reklamat u msemmi fis-seba' paragrafu tar-Rikors de quo, assi li ma humiex altrimenti ammessi f'tali kalkolazzjoni;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Novembru 2007 fejn giet kjamata in kawza lil Josephine Calleja in statu et termini (a fol. 53 et seq.);

Rat id-digriet ta'din il-Qorti kif diversament preseduta tal-20 ta' Novembru 2007 fejn giet nominata Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 56 et seq.);

Rat id-digriet ta’din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 t’Ottubru 2011 li bih l-atti gew legittimati f’isem John Calleja, Charles Calleja, Mario Calleja, Catherine Cassar, Helen Calleja ilkoll ahwa ulied stante l-mewt ta’ Josephine Calleja, u Jade Grixti u Jordann Calleja t-tnejn ulied stante il-mewt ta’ Raymond Calleja iben Josephine Calleja;

Rat id-digriet ta’din il-Qorti kif diversament preseduta tas-6 ta’Jannar 2012 illi bih l-atti gew trasfuzi f’isem Jennifer Mifsud (ID 0344057M), Anne Marie Gauci (ID 0417201L) , Joesphine Georgina Grace Grech (ID 0416001L) Philip Azzopardi (ID 0498268M) u Grace Carmen Camilleri (ID 0077802L) **stante l-mewt tal-attrici Georgina Azzopardi**;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tal-STO Prim Imhallef tal-**20 ta’Marzu 2014** illi permezz tieghu din il-kawza giet trasferita quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Rat in-nota sottomissjonijiet ta’l-atturi tal-14 t’April 2014 (a fol. 309 et seq.);

Rat in-nota tal-kjamati in kawza tal-24 t’April 2014 (a fol. 313);

Rat in-nota ta’Sottomissjonijiet responsiva ta’ Saviour Grima et, tad-29 ta’Mejju 2014 (a fol. 314 et seq.);

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-atturi intavolaw din l-azzjoni sabiex jigi impunjat l-kuntratt tad-29 ta' April, 2002, fl-atti Nutar Alex Sciberras Trigona. Huma isostnu li l-imsemmi kuntratt hu afflitt minn nullita` ghaliex kien hemm simulazzjoni. Skont huma, l-kuntratt gie maghmul biex jahbi donazzjoni. Il-kontendenti huma kollha eredi ta’ Carmelo Grima u permezz ta’ dan il-kuntratt huwa ittrasferixxa b'titolu “oneruz” lill-konvenut Saviour Grima u lill-martu, n-nofs indiviz ta' garaxx u ta' gnien fi Triq B'Kara, San Giljan u dan ghall-prezz ta’ Lm7,000. In oltre, permezz

ta' kuntratt iehor fl-istess data (29 ta' April, 2002) fl-atti tan-Nutar Sciberras Trigona, l-ammont ta’ Lm7,000 gie donat minn missier il-kontendenti lil konvenuti Saviour Grima u martu.

Illi mix-xhieda ta’Carmelo Grima (vide affidavit a fol. 61 et seq.) jirrizulta illi omm il-kontendenti mietet fis-sena 1976 u permezz ta’ testment unica charta, hallliet lil Carmelo Grima l-usufrutt tal-beni kollha u lit-tfal bhala eredi fi kwoti indaqs.

Baqghu jghixu mal-missier  uliedu Giljan u Salvu, u sussewgentement Salvu izzewweg. Jirrizulta wkoll li Giljan miet f’April tas-sena 1986.

Skond ix-xhud, kien beda jorqod mal-missier, iben Toni waqt li  matul il-gurnata kulhadd kien jaghti daqqa t’id, skond il-hila, u  l-hin disponibbli.

Fis-sena 1999 it-testatur Carmel Grima talab lil Giljan biex  ma jibghax jorqod mieghu u ghalhekk Salvu, Joan u Manwel bdew jorqdu mal-missier. Fis-sena 2000 it-testatur Carmel Grima dahal f’Casa Leone.

Skond ix-xhud kien Salvu hareg b’idea li jhejju roster sabiex il-missier dejjem ikollu lil wiehed mill-uliedu mieghu waqt li kien f’Casa Leone u hekk sar.

Fis-sena 2002 it-testatur kien f’qaghda hazina u sahhansitra ddahhal l-isptar sitt darbiet (vide fol. 63).

Kien proprju fid-29 t’April 2002 li it-testaur ittrasferixxa lil Salvu Grima, nofs indiviz ta’garage u gnien ta’Triq Birkirkara San Giljan  - fl-atti Nutar Sciberras Trigona ghal prezz ta’ Lm7,000.

Carmelo Grima Junior jishaq illi bil-flus li Salvu u Mary kisbu bid-donazzjoni xtraw il-garage u l-gnien, u dan meta it-testatur Carmelo Grima kellu tlieta u disghin sena.

Din id-donazzjoni ma saritx bil-miftuh sabiex ma tigiex mdahhla fil-lista tal-beni f’kaz li l-ulied jitolbu l-legittima.

Fis-26 t'Awwissu 2004 l-atturi talbu l-Perit Godwin Abela jaghmel stima tal-proprejta' u l-istess Perit Abela ivvaluta nofs il-garage u gnien fis-somma ta' Lm180,000 ghas-sena 2004 u Lm135,000 ghas-sena 2002. Carmelo Grima Junior rega fakkar li l-bejgh sar ghas-somma ta'Lm 7,000.

Permezz ta'testment li sar xahrejn wara mill-istess Nutar Sciberras Trigona, it-testatur Carmelo Grima halla b'legat n-nofs l-iehor tal-garage u l-gnien.

Carmel Grima Junior ezebixxa d-dikjarazzjoni, denunzja causa mortis tat-13 ta'Lulju 2007 – Vide fol. 68 et seq.

Carmel Grima Junior insista li kien car illi missieru t-testatur ta b'donazzjoni s-somma ta' Lm7,000 sabiex huh Salvu Grima jixtri nofs indiviz tal-proprjeta' imsemmija li kienet tiswa Lm135,000.

Georgina Azzopardi a fol. 74, Joan Cassar a fol. 75, Emanuel Grima a fol. 76, Julian Grima a fol. 77, Dorothy Zammit a fol. 78 ulied Carmelo Grima Senior kollha kkonfermaw il-kontenut tal-affidavit ta'huwhom Carmelo Grima Junior.

Ivan Portelli a fol. 86, rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni ikkonferma l-istima tal-fond li giet stabblita f'ammont ta' Lm80,000 allura nofs tal-ammont kien Lm40,000 u ezebixxa Dok. IP1 a fol. 88.

Skond l-affidavit tieghu a fol. 91, l-Perit Godwin Abela ikkonferma bil-gurament l-istima tal-proprejta' meritu tal-kawza fl-ammont ta' Lm180,000 ghal dak illi jirispetta l-stima ghas-sena 2004, waqt li ikkonferma l-istima ta' Lm135,000 ghas-sena 2002.

Dr. Victor Buhagiar a fol. 101 et seq., ikkonferma c-certifikat mediku a fol. 25 tal-process. Huwa xhed li l-konvenut Saviour Grima kien pazjent tieghu u li kien invista lil missieru Carmel Grima f'Casa Leone. Dr. Buhagiar ma ftakarx jekk kienx hareg xi certifikat iehor fuq Carmelo Grima u qal illi kien invista lil Carmelo Grima f'diversi okkazzjonijiet wara id-data li tidher fic-certifikat u sab li kien f'sensih. **Huwa xhed li Maria Grima mart Saviour Grima hija nurse u tahdem mieghu**.

Joseph Genevose a fol. 117, ezebixxa kopja ta' insiwa numru 6559 tas-sena 2002 tat-8 ta' Mejju 2002.

Nutar A. Sciberras Trigona a fol. 118 ikkonferma Dok. D, donazzjoni a fol. 50. Ikkonferma li z-zewg atti gew redatti minnu, ma setghax jiftakar jekk Carmel Grima kienx assistit. In-Nutar xhed illi hu ma ta ebda parir li kien hemm certifikat mediku.

Fit-tieni affidavit tieghu Carmelo Grima Junior xhed dwar kif c-cwievet d-dar ta'Hal Qormi u l-garage baqghu dejjem f'idejn Salvu Grima; kif dan beda jahdem biex jara kif jaghmel biex jghieghel lil missieru jittrasferixxi din il-proprjeta'; kif gieghel lil missieru jhassar t-testment u dak kollu li kien ser jhalli lil Giljan (li dam tlettax –il (13) il sena jorqod mieghu kuljum), biex hallielu biss legat ta' Lm3,000; kif Salvu Grima ghamel l-ewwel attentat ghand in-Nutar Pawlu Pullicino u t-tieni attentat ghand in-Nutar Schirha li spicca biex keccieh il-barra (vide fol. 145)

Illi Dok. HD1 a fol. 151 kif konfermat u Dok. HD3 a fol. 153 jirrizulta illi fis-sena 2002 it-testatur Carmelo Grima kien recoverat l-isptar sitt darbiet, u b'mod partikolari **kien rekoverat l-isptar bejn 18 t'April 2001 u s-7 ta'Mejju 2002**. Dan ifisser illi z-zewg atti notarili saru meta t-testatur Carmel Grima kien rekoverat l-isptar.

Saviour Grima a fol. 156 xhed illi ma kien veru xejn illi huwa pprova jidhaq b'kulhadd u li l-bejgh ta' nofs indiviz tal-garaxx u l-gnien ta' San Giljan, ma kien biegh xejn izda kien donazzjoni.

Huwa sostna illi mhux vera illi l-ahwa kollha kienu jindukraw lil missierhom izda jsostni li kien hu u ohtu Dorothy biss li ghamlu dan. Huwa jghid illi hutu kienu jzuru lil missierhom biss.

Huwa xhed illi martu kienet nurse u kienet dejjem tiehu hsieb ta' missieru.

Huwa sostna illi Carmelo Grima kien f'sensih sa l-ahhar , tant illi kien kapaci jivvota minkejja l-eta tieghu u ezebixxa certifikat mediku ta'Dr. H. Agius Muscat tas-16 ta' Marzu 2004 u kopja tal-listi elettorali minn April 2002 sa April 2006 (Dok. SG2)

Saviour Grima xhed illi missieru kien ddespona minn diversi beni, fil-fatt matul hajtu kien kera proprjeta b'rata baxxa hafna lil uliedu l-bniet u cioe' Dorothy Zammit u Josephine Calleja. Kien ta' lil Manwel x-xarabank bi prezz ta' Lm2,500 biss waqt illi Carmelo kien akkwsita ishma fil-kumpanija Chantily Aparthotel, Dok. SG3.

Ghar-rigward il-bejgh, Saviour Grima insista li ma kien hemm ebda simulazzjoni – kien kuntratt bejn missieru u iben bi prezz li xtaq il-missier. Illi d-donazzjoni ta' Lm7,000 kien sempliciment gest tal-missier, wara illi sar il-bejgh.

Illi in oltre meta huwa xtara nofs il-garage, din il-proprejta' kienet qed tintuza minn Julian Zammit u uliedu Manwel u Charles u Julian Grima li ma kien qed ihallsu ebda kera.

Saviour Grima xhed illi l-patrimonju li halla missieru kien ta' €1,164,686 u li hutu kien sempliciment qed jippikaw fuq it-trasferiment ta' nofs il-garage u l-gnien.

Mary Grima fl-affidavit taghha a fol 177A kkonferma x-xhieda ta' zewgha ghal dak li jirrigwarda il-fatt li Carmelo Grima kien biegh lilhom, nofs il-garage u l-gnien ghal prezz ta' Lm7,000 u kif "b'sorpriza kbira", Carmelo Grima ddecieda li jaghtihom lura l-prezz ta' dan il-bejgh, u dana bhala ringrazzjament ghal dak li kienu ghamlu mieghu.

Mary Grima xhedet li Joan kienet saret taf b'dan xi sentejn wara li sar il-kuntratt u informat lil Carmelo Junior, li spicca biex iggieled ma zewgha.

Carmelo / Charles Grima in kontro ezami a fol. 180 xhed illi Salvu Grima kien mar jorqod ma missieru ghal xi xhur, li kienu jmorru jorqdu ukoll mieghu Emanuel, Joan u Nadia Cassar u li lanqas mart il-konvenut ma kienet ghamlet snin iddur b'missierhom. Carmelo Grima sostna li missieru kien qed jigi kkurat mill-istaff ta' Casa Leone u kien qed jhallas ghal dan is-servizz. Huwa sostna li l-ulied kollha kienu jiehdu hsieb ta' missierhom, johorguh u jindikrawh.

Fit-tieni kontro ezami tieghu, xhed illi missieru kien kellu tmienja u tmenin sena meta dahal Casa Leone. Grima xhed illi missieru kien jbati bil-qtugh ta' nifs u kien jirrikjedi l-ossignu u l-maskra. Grima Junior sostna li l-laqgha ma hutu kollha kienet saret u kienet Josephine biss li m'attendietx.

Grima junior xhed illi sar jaf bid-donazzjoni in segwitu tal-mewt ta'missieru meta ghamlu r-ricerki. Grima sostna li hass ruhu urtat b'din id-donazzjoni ghaliex il-konvenut kien ser jisraqlu l-wirt t'ommu.

Fil-kontro ezami a fol. 192 et seq baqa' jsostni li l-bejgh u d-donazzjoni saru meta Carmelo Grima Senior kien l-isptar u f'qaghda kritika. Sostna li missieru ma kellux bzonn ta' flus. Huwa sostna li intavola tali kawza ghaliex ma ridtx li huh Salvu jisraqlu l-wirt t'ommu.

Joan Cassar in kontro ezami a fol. 195 xhedet li ma kienx veru li Mary Grima kienet ghamlet zmien twil tiehu hsieb ta' missierha. Hija xhedet li missierha kien jbati b'qalbu. Qalet li kienet kkonfrontat lil Salvu dwar il-kuntratt u donazzjoni meta dan gie biex tiffirmalu l-karti sabiex hu (Salvu) jkun jista' jiehu l-interessi fil-kontijiet bankarji ta' missieru li kienu barra minn Malta. Xhedet li ma kienitx hadet pjacir meta semghet bil-kuntratt u donazzjoni ghaliex missierha ma kellu ghalfejn biegh il-proprjeta ghaliex kellu flus. (a fol. 199) Joan xhedet li rrinunzjaw ghal wirt ta' missierha u intavolaw din il-kawza il-ghaliex dehrilha li wirt ta'ommha kellu jibqa' taghha u ma jittihidx minn huwha Salvu.

In kontro ezami Emanuel Grima a fol. 234 xhed li sar jaf bil-bejgh tal-garage u l-gnien xi sena qabel miet missieru. Ikkonferma ukoll li l-flus ta' Northern Rock li qabel kienu f'isem missieru u f'isem Salvu kien gabhom Malta l-missier u qeghdhom f'isem Salvu, Carmelo u Joan. Emanuel xhed li l-missieru kien biegh xarabank lilu u lil Giljan fis-sena 1972 bi prezz ta' Lm5,000.

Carmelo Grima Junior a fol. 239 xhed in kontro ezami li missieru kien tah Lm3,500 biex jzommomlu u wara xi zmien kien talabhomlu lura, ghaliex kien gie bzonnhom Salvu. Ghalhekk kien rretornahomlu. Din irrepetiet ruhha xi zmien wara u ghalhekk Carmelo Grima Junior nvesta dawn il-flus ghal missieru u kien ghaddielu l-interessi, kontra ricevuti. Carmelo Grima Junior xhed li kien izomm dawn ir-ricevuti fi ktieb fil-karozza tieghu. Darba fost l-ohrajn meta kien jwassal lil missier flimkien ma Salvu, dan il-ktieb sparixxa.

Rigward is-share transfer, Charles Grima xhed li huwa kien inkorpora il-kumpanija fis-sena 1976 u fuq il-parir tal-avukat tieghu, qieghed share wiehed f'isem missieru- ghal-liema share

kien hallas Charles Grima Junior. Fuq parir tal-avukat fis-sena 1997 rega xtara lura dan is-share uniku.

Emanuel Grima a fol. 246A ezebixxa kuntratt ta' xiri tax-xarabank minnu u minn Giljan Grima, Dok. EM2 u EM3 – recevuti; EM4 recevuti ta' kera ta' garage u EM5 kuntratt datat 8 ta'Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani li permezz tieghu giet kancellata l-ipoteka. Ezebixxa ukoll sensiela ta'kuntratti ta' xiri ta' xarabanks fl-istess zmienijiet i.e. Dok. EM6 sa 12 A fol. 292.

Emanuel Grima xhed li missieru kien ser jixtri xarabank bi prezz ta' Lm13,000 , u li fis-sena 1973 il-prezzijiet tax-xarabanks kienu waqghu hafna.

Illi l-Perit Godwin Abela kien ghamel stima tal-fond in kwistjoni ftit snin wara l-bejgh imsemmi, u l-istima tieghu kienet ta' Lm135,000 (valur intier tal-fond imsemmi). Jirrizulta ukoll li fid-denunzja causa mortis datata 13 ta Lulju 2007 – vide fol. 130 et seq, l-valur **tan-nofs indiviz** tal-fond imsemmi, gie iddikjarat li kien Lm40,000.

**Ikkonsidrat:**

Illi att ikun simulat meta, bil-volonta` tal-persuni li jidhru fuqu, ikollu sinifikat apparenti **divers** minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni necessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta` dak li jkunu qed jaghmlu fil-kuntratt. Ghalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu, madanakollu jkun qed isir bil-kunsens taghhom it-tnejn b`mod falz.

Illi att jista` jkun simulat b`mod assolut jew b`mod relattiv. Id-differenza bejn it-tnejn kienet spjegata fis-sentenza ta` din il-Qorti datata **12 ta` Ottubru 1950** fil-kawza fl-ismijiet "**Pace et vs Lauri et**" meta nghad :

> ***Illi skond id-dottrina hemm zewg speci ta` simulazzjoni, wahda assoluta, meta l-kuntratt jkun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – `colorem habens, substantiam vero nullam` u l-ohra relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta` iehor – ` colorem habens, substantiam vero alteram`*** **(Coen, Giurisprudenza Italiana, voce `Simulazione`, para. 72).**

> "***L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva, ghandha bhala skop mhux id-deklaratorja tal-inezistenza assoluta tal-att imma li tigi restitwita r-realta` tal-att u mnehhija l-forma apparenti."*** (ara wkoll – Qorti tal-Appell – 27 ta` Marzu 1936 – **"Seychell et vs Seychell et"**).
>
> ***"Cosi l'azione di simulaziane non ha che un solo oggetto, cioe' quello di ristabilire la verita"*** (**Laurent**, Principii di Diritto Civili Vol. XIX no.33)

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **"Prof. Carlo Oreste Stracco –vs- Pietro Baldassare Contini et"**, deciza fit-**8 ta'Novembru 1952**.

Illi biex att jigi dikjarat simulat, irid jigi ppruvat illi jew il-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghall-ebda kuntratt jekk inkella riedu jaghmlu att iehor minn dak li effettivament iddikjaraw fl-att. Fis-sentenza tal-**15 ta` Jannar 1945** fil-kawza **"Sammut noe vs Ellul",** il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> ***Illi att ghandu jkun ritenut simulat meta bil-volonta` tal-persuni li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. `Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus expresse aliud simulamus`. (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista` tkun assoluta jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku jew relattiva jew parzjali, bhal meta jigi konkjuz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu. Illi dina l-Qorti bis-sentenza tal-20 ta` Mejju 1932 in re `Schembri vs Schembri`, sostniet li fil-kazi li kuntratti jigu attakkati bhala simulati, anki meta jkunu atti b`titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha; u kompliet tghid li `cio` si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti.`***

Il-Qorti taghraf illi kwalunkwe att jew skrittura huwa prezunt li huwa sincier u jirrifletti l-volonta` tal-partijiet. Ghalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni ta` simulazzjoni, l-attur jrid jipprova b`mod konvincenti u konklussiv illi l-intenzjoni u l-kunsens tal-partijiet kien li joholqu att simulat. L-oneru tal-prova ta` simulazzjoni jinkombi fuq min qed jallega s-simulazzjoni.

Illi fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **"Seychell et vs Seychell et"** gie ritenut:

> *'Il-Qorti tal-Appell taghna fis-sentenza `Galea vs Zammit` tat-3 ta` Dicembru 1919, kienet osservat ukoll illi `il mantenimento dei contratti e` di interesse generale, perche` e` principio di ordine pubblico e di pubblica economia che I titoli di proprieta` siano fermi e stabili.`Il-Merlin (Voce Simulazione, pag 840) ifakkar illi ` l`atto pubblico avendo per se l` autorita` ed il suggetto della legge, merita tutta la credenza che esigerebbe la stessa verita`;. Skond il-ligi Romana (Cod `De Probationibus et Praesumptionibus`) hemm bzonn illi jkun hemm konkors ta` indizi manifesti u mhux ta` prezunzjonijiet vagi u incerti u li jista` jkollhom sens iehor imbarra dak li qieghed lilhom attribwit. Illi ghaldaqstant f`dana l-kaz ghandu jigi ezaminat jekk hemmx konkors ta`* ***cirkostanzi gravi, precizi, univoci u konkordanti*** *in sostenju tat-tezi attrici. Illi l-kompless ta` dawna c-cirkustanzi kollha jista` tavolta jiggenera xi suspett affini ghall-assunt tal-atturi imma cetament ma jista` qatt jirragungi dak il-grad ta` certezza morali li jista` jaghti lill-gudikant dik il-konvinzjoni u s- serenita` ta` koxjenza necessarja biex jista` jigi skartat il- kontenut ta` att pubbliku u akkolt assunt kuntratju ghal dak il-kuntratt;'*
>
> *'Illi f`cirkustanzi simili, l-konkluzjoni giet ampjament indikata mill-gurisprudenza b`dawn il-pronuncji: - 1. `In tema di prova indiziaria, se nell` ordine dei fatti possibili ve ne ha di prova indiziaria, se nell` ordine dei fatti possibili ve ne ha uno che infirmi la probabilita` dell` esistenza del fatto principale che si adduce, questo difetto e` di una forza probante concludente` (App. Bologna, 21.5.1909); 2. `Dato che le prove sieno in aperto conflitto reciproco, e` a rilevare in sostanza ed in definitive la piena ed assoluta mancanza di prova; ed e` quindi a*

> *rilevare a chi incombeva l` onere legale della prova medesima, perche` e` ovvio che su di esso debbano rivadere le conseguenze di cosi fatta deficienza` (Appello Venezia 5.7.12); 3. `Quando il giudice del merito ritiene dubbie le risultanze della prova della domanda attrice, deve `ex necesse` rigettare tale domanda, perche` il dubbio equivale giuridicamente all` assoluta mancanza di prova` – Cassazione Firenze, 15 Luglio 1920. (Fadda, Comm. Art. 1312. para. 457,466, 469).'*

Precizati dawn il-principjji jinghad li l-Qorti tghaddi biex tezmina ix-xhieda fuq indikata sabiex, jigi ezaminat u analizzat kemm –il darba il-kuntratt ta'bejgh datat 29 t'April 2002 kienx kuntratt simulat o meno.

Mill-kumpless tal-provi ezaminati minn din il-Qorti jidher car li din l-istess Qorti ghandha taghti piz konsiderevoli ghal-valur tal-fond in kwistjoni u cioe` l-valur tal-fond kif iddikjarat mill-kuntratt datat 29 ta' April, 2002, atti Nutar Alex Sciberras Trigona u cioe' il-prezz ta' Lm7,000. Dan il-prezz ma kienx jirrifletti l-valur reali tal-fond in kwistjoni u dana mhux b'xi percentwali zghar izda kien jizboq il-prezz li jidher fil-kuntratt **bi kwazi ghaxar darbiet**. (Vide stima tal-Perit Abela a fol. 28, f'ammont ta'Lm135,000 ÷ 2 u cioe Lm67,500) Dan il-valur attwali hu korroborat ukoll mhux biss mill-istima tal-Perit Abela izda, u b'mod partikolari bid-dikjarazzjoni Causa Mortis maghmula mill-intimat Saviour Grima – vide ricerki tal-proprjeta a fol. 130 et seq, fejn nofs il-gnien u l-garage gew stmati fis-somma ta' Lm40,000.

Din hija indikazzjoni cara daqs il-kristall li fil-fatt li l-'causa' tal-kuntratt kien effettivament differenti minn dak li kien gie iddikjarat mill-istess partijiet.

Illi l-Qorti tkompli ssahhah l-konvinzjoni taghha li l-att kien fil-fatt simulat ghaliex fl-istess gurnata tat-trasferiment imsemmi, kien sar kuntratt iehor, din id-darba ta' donazzjoni ghall-istess ammont li bih kien sar l-kuntratt ta' bejgh. Dan juri li l-kuntratt mertu ta' din il-kawza ma jirrispkjax il-volonta` tal-kontraendi. Ghal Qorti din hija simulazzjoni ovvja u fil-fatt hija transparenti li l-kontraendi kienu jafu li b'dak li kienu qed jaghmlu u cioe` jissimulaw kuntratt b'titolu oneruz meta fil-fatt kienu qed jaghmlu kuntratt ta' donazzjoni.

Din il-Qorti taghraf ukoll **is-sinjifikat taz-zmien illi fih sar il-kuntratt ta' bejgh u d-donazzjoni**, u cioe' f'perjodu ta' zmien fejn it-testatur Carmelo Grima kien f'qaghda kritika ta' sahha fizika meta sahhansitra kien rekoverat fi sptar, fejn kien ilu rekoverat mit-18 t'April. – Vide ittra ta' Dr. Bridgette Gafa, Dok. HD3 a fol. 153 u HD1 a fol. 151 li permezz taghha ikkonfermat **is-sitt *admissions*** tat-testatur Carmelo Galea fl-isptar San Luqa fis-sena 2002 **u b'mod specjali is-soggorn tat-testatur fl-isptar bejn it-18 t'April 2002 sas-7 ta'Mejju 2002.** Din il-Qorti taghraf li l-fatt li bejgh u d-donazzjoni saru precizament f'perijodu fejn it-tetatur ikun mill-aktar vulnerabli minhabba stat ta' sahha mweghra huwa fattur kardinali li jolqot il-meritu tal-kawza u din il-Qorti qed takkordalu l-piz misthoqq.

Bl-istess mod il-Qorti rat u evalwalizzat illi t-testatur Carmelo Grima ma kiex biss aflitt fizikament u rekoverat fl-isptar izda kien ukoll lahaq l-eta avvanzata ta' tmenin sena. Il-Qorti ghaldaqstant akkordat il-piz misthoqq ghal dan il-fattur, kif tat ukoll piz ghal-fatt illi c-certifikat mediku anness mal-"att ta' bejgh" kien sar minn tabib li mieghu kienet tahdem Mary Grima, mart il-konvenut. Huwa evidenti illi l-iskop ghal-azzjoni attrici mhix biex l-kuntratt jigi sempliciment iddikjarat null izda biex jigi zvelat ir-relazzjoni kontrattwali veritiera.

Il-Qorti rat u analizzat u akkordat il-piz xieraq ghal-stratagemma li Salvu Grima ipprattika u kif dar numru ta' Nutara qabel ma rnexxielu jasal fejn kellu jasal.

Dawn il-fatturi kollha iwasslu ghal konvinciment morali ta' din il-Qorti, illi l-kuntratt ta' bejgh ta' nofs il-garage u nofs il-gnien fi Triq Birkirkara San Giljan datat 29 t'April 2002 fl-atti tan-Nutar Dr.Alexander Sciberras Trigona kien kuntratt simulat, u li dan il-kuntratt kienqed jahbi donazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-kuntratt tad-29 t'April 2002 pubblikat min-Nutar Dr. Alexander Sciberras Trigona li sar bejn Carmelo Grima (missier il-kontendenti) u l-konvenuti, huwa donazzjoni simulata taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz, u ghalhekk tali kuntratt huwa fir-realta` kuntratt ta' donazzjoni u mhux trasferiment b'titolu oneruz; tiddikjara li l-kuntratt t'April 2002 pubblikat min-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona huwa null bhala kuntratt oneruz u validu biss bhala kuntratt ta' donazzjoni; tordna illi, a spejjez tal-konvenuti, ssir il-korrezzjoni tal-kuntratt imsemmi tad-29 t'April

2002, in atti tan-Nutar Dr Alexander Sciberras Trigona, sabiex dan jigi jirrifletti b'mod reali trasferiment b'donazzjoni li sar minn Carmelo Grima (missier il-kontendenti) lill-konvenut, u cioe trasferiment b'donazzjoni ghal kull fini u effett tal-ligi bejn il-partijiet ghal dak il-kuntratt u tordna li jsiru l-korrezzjoni kollha mehtiega fil-kuntratt originali biex jirifletti din id-donazzjoni; Tinnomina in-Nutar Pubbliku Dr. Pierre Attard sabiex jircievi l-kuntratt ta' korrezzjoni relattiv u tinnomina Dr. Stefano Filetti biex jirrapprezenta lill-konvenuti fl-eventwali kontumaci  taghhom, fuq l-istess att pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti Saviour u Mary Grima inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-18 t’April 2007.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lin-Nutar Dr. Pierre Attard u lil Dr. Stefano Filetti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------